Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 24/2015

**Citadel Insurance plc kif surrograta fid-drittijiet tal-assikurat taghha Clinton Abdilla u l-istess Clinton Abdilla** (appellati)

**Vs**

**Claude Gabriele Cremona** (appellant)

3 ta' Lulju, 2017.

1. B'decizjoni tas-17 ta' Settembru, 2015 it-Tribunal tal-Arbtiragg iddecieda li l-incident tat-traffiku li sehh fl-14 ta' Mejju, 2013 bejn vettura Seat numru CBJ 429 u vettura Kia numru JBB 031 sehh tort tal-appellant. Ghalhekk ikkundannah ihallas lill-appellati s-somma ta' elf u erba' u tletin ewro u tlettax-il centezmu (€1,034.13).

2. Fit-2 ta' Ottubru, 2015 sar appell minn Claude Gabriele Cremona. L-aggravju jitratta l-apprezzament tal-provi. Skont l-appellant:

> *"16. Min-naha tieghu, l-appellat Clinton Abdilla jispjega illi hu kien qieghed isuq fi Triq il-Belt Valletta u ried idur ghal fuq ix-xellug tieghu u cioe' ghal go Triq il-Kurvetti. Hu jispjega illi 'kif kont se ndur ghal go Triq il-Kurvetti, sibt lil Claude Gabriele Cremona gej ghal fuqi bil-vettura tieghu. Izda imbaghad jispecifika illi 'jiena ma rajtx il-vettura ta' Cremona. Sibu préciz ma' wicci jien u ndur ghal go Triq il-Kurvetti. Di piu, l-istess appellat ikkonferma illi 'f'ebda hin ma waqaft u dan ghaliex ma hemmx sinjali ta' stop signs'.*
>
> *17. Dan kollu jindika b'mod cara x'effettivament sehh u cioe' li l-manuvra tal-appellat Clinton Abdilla kienet wahda kontinwa u cioe' illi huwa ttraversa Triq il-Belt Valletta minghajr waqfin u hekk kif kompla jsuq u beda jikser fuq ix-xellug tieghu sabiex idur ghal go Triq il-Kurvetti, minghajr mal-ewwel esplora sewwa t-triq u assigura ruhu li seta' jespleta dik il-manuvra minghajr xkiel ghalih jew ghall-utenti l-ohra tat-triq. Hekk kif beda jinvadi Triq il-Kurvetti ghalhekk, hu qieghed lill-esponent f'emergenza subitanea, bir-rizultat li ma tahx opportunita jirreagixxi tempestivament sabiex ikun jista' jevita t-tamponament".*

3. L-appellati wiegbu u taw ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

4. Waqt il-gbir tal-provi gew prezentati ritratti li juru kif spiccaw iz-zewg vetturi. Fil-fehma tal-qorti qalu x'qalu l-partijiet, dawn ir-ritratti huma l-ahjar prova ta kif sehh l-incident.

5. Mill-provi hu evidenti li l-impatt ma kienx wiehed vjolenti. Mir-ritratti hu evidenti wkoll li mumenti qabel sehh l-impatt zgur li l-appellant kien qieghed isuq il-vettura Seat fil-karreggata hazina (ara wkoll skizz). Ghalhekk il-verzjoni li l-appella ta lill-warden li nvestiga l-kaz hi korretta; *"Kont qed indur fuq il-left u sibt il-vettura nvoluta gejja wrong side u d-driver fuq il-mobile gie quddiem u hbatna"*. F'dan ir-rigward hu rilevanti dak li xehed il-Gwardjan Lokali Eric Sciberras li, *"Nghid illi dakinhar tal-incident Triq il-Kurvetti kienet single carriage way/two way"*.

6. Il-verzjoni li l-appellant ta lill-warden hi:

> *"Kont gej minn Triq Kurvetti tiela' direzzjoni Paola u l-vettura fuq ir-right tieghi u hbatna fuq il-left kien hemm karozza u kif hbatna saqet"*.

Meta xehed qal:

> *"F'daqqa wahda rajt karozza gejja min-naha tal-lemin tieghi li ma waqfitx iza baqghet hierga. Jien kont qisu zewg karozzi l-boghod minnha u qbadt u ghafast il-brake. Ma stajtx nevita l-vettura l-ohra ghax kont nidhol fil-karozzi pparkjati.*
>
> ***Il-pozizzjoni tal-vettura tieghi dak il-hin tal-incident kienet fin-nofs tat-triq u dan ghaliex kien hemm vetturi pparkjati fuq iz-zewg nahat tat-triq. Jigifieri bil-karozzi fuq iz-zewg nahat tat-triq tghaddi biss karozza wahda"***.

Din il-verzjoni hi mgiddba mill-iskizz li sar mill-gwardjan lokali li nvestiga l-incident u wkoll mir-ritratti. Hu car daqs il-kristall li l-posizzjoni tal-vettura Seat mhuwiex fin-nofs ta' Triq il-Kurvetti, minkejja li fir-rikors tal-appell rega' tenna li kien qieghed isuq on the crown of the road. In kontro-ezami qal:

> *"Naqbel mal-iskizz. Partikolarment rigward ghal ritratti 6/10 u 7/10 mehmuza mal-istess rapport, qed nigi mistoqsi kif nista' nghid illi kont fin-nofs tat-triq meta l-kejl jindika li qieghed kompletament wrong side u nghid illi dak li qed nimmarka permezz ta' salib fuq Dok. CG huwa parti mill-parking bay. Naqbel illi parking bay mhux suppost issuq fuqha"*.

B'dawn il-kliem l-appellant b'mod konvenjenti evita milli jwiegeb ghad-domanda u baqa' ma ta l-ebda spjegazzjoni ghalfejn kien qieghed isuq *wrong side*. Il-konkluzjoni tat-Tribunal kienet korretta, cjoe' li l-vettura Seat kienet qeghda tinstaq *"ferm 'il barra mill-karreggata li suppost kienet qeghda tinstaq*

*fiha"*. Sewqan *wrong side* meta m'hemm l-ebda gustifikazzjoni hu sewqan perikoluz u negligent.

7. Mill-hsara li saret fil-vettura tal-appellat (ara ritratti) hu altru milli evidenti li kienet il-vettura tal-appellant li hakket mal-parti ta' quddiem (fuq in-naha tax-xufier) tal-vettura tal-appellat. Fil-fatt fuq il-bumper tal-vettura Kia hemm il-kulur iswed. Ghall-qorti din hi prova li kienet il-vettura tal-appellant li habtet mal-vettura Kia u mhux l-oppost.

8. L-appellant ghamel hafna enfazi fuq il-fatt li l-appellat xehed li ma waqafx fit-tarf tat-triq. Kieku waqaf zoptu fit-tarf ma kienx ser ikun possibbli li jara xi traffiku gej minn fuq ix-xellug tieghu, ghar-raguni li fit-tarf ta' Triq Belt Valletta hemm bini (ara skizz). Ghalhekk wiehed bilfors ikollu jixref 'il barra ghal fuq Triq il-Kurvetti biex ikollu vizwali tal-vetturi gejjin minn fuq ix-xellug. Hu f'dan il-kuntest li l-qorti tifhem lill-appellat meta qal: *"Jiena kont ghadni ma haristx fuq ix-xellug tieghi ghax kont ghadni ma qbiztx il-kantuniera"*. L-appellant jargumenta li min ikun hiereg f'main road ghandu d-dmir li jesplora sewwa t-triq qabel johrog ghal go fiha u *"jieqaf ghal kollox jew johrog inching out u jassigura li t-triq hi libera"*. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li:

    i. Diga' qalet li minhabba l-bini fuq ix-xellug tal-appellant, ma kienx possibbli li jieqaf fit-tarf ta' Triq il-Belt Valletta. Jekk jaghmel hekk qatt ma kienx ser ikollu vizwali ta' vetturi gejjin minn fuq ix-xellug. Mill-iskizz hu evidenti li kienet biss parti zghira ta' quddiem tal-vettura Kia li kienet il-barra mil-linja tal-bini fuq in-naha tax-xellug tax-xufier.
    ii. Il-hsara li garrbet il-vettura tal-appellat tikkonferma li l-vettura kienet ghaddeja b'velocita baxxa u li ma kinitx il-vettura tieghu li habtet fil-vettura tal-appellant.

9. Il-qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-kawza prossima ghall-incident kien is-sewqan *wrong side* tal-appellant u l-appellat ma kellu l-ebda htija. It-Tribunal tal-Arbitragg ghamel apprezzament korrett tal-provi u m'hemm xejn li jista' jwassal lill-qorti biex tikkonkludi li d-decizjoni tat-Tribunal hi manifestament zbaljata.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.